MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 3214/1996/1

**R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited,**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta` estera**
**Commercial Union Assurance Company p.l.c.**
**surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha**
**s-Socjeta` CPS Company Limited**
**u b'nota tal-10 ta' Marzu, 1999, is-Socjeta` Atlas**
**Insurance Agency Limited aġenti f'Malta tas-Socjeta` estera**
**Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c.**
**cessjonarja tad-drittijiet tas- Socjeta` estera**
**Commercial Union Assurance Company p.l.c.**
**assumiet l-atti tal-kawza minflok**
**is-Socjeta` R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited;**

**u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2004, Atlas Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok il-kumpanija Atlas Insurance Agency Limited;**
**u b'Nota tal-31 ta' Jannar, 2007, Atlas Insurance PCC Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok Atlas Insurance Limited**

**v.**

**Falcotrans Limited bhala agenti tas- Socjeta` estera Parteno Group S.r.l. u b'digriet tat-23 ta' Jannar, 2003,**
**ghan-Nota tat-22 ta' Jannar, 2003, is- Socjeta` Eurocargo Freight Services Limited giet nominata Kuratrici ghas-Socjeta` estera Parteno Group S.r.L.**

**Il-Qorti;**

Rat is-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju, 2009;

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Eurocargo Freight Services Limited bhala kuratrici ghas-socjeta` estera Parteno Group S.r. l prezentat fil-15 ta' Lulju, 2009;

Rat ir-risposta tas-socjeta` Atlas Insurance PCC Limited prezentata fil-5 ta' Awwissu 2009;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2012 fejn Dr. Antionio Tufigno ghas-socjeta` appellanti talab li s-socjeta` minnu patrocinta tinghata d-dritt illi tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fis-sens li l-azzjoni attrici hija preskritta skont l-artikolu 2146 (f) tal-Kap. 16.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Dr. Alessia Zammit Mckeon ghall-appellati oggezzjonat ghaliex (a) din it-talba tressqet quddiem l-ewwel Qorti liema talba giet michuda u ma sar ebda digriet skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 229 (3) u 229 (4) tal-Kap. 12; (b) li mill-kawzali tac-citazzjoni kif ukoll mill-provi quddiem l-ewwel Qorti huwa evidenti li l-azzjoni hija wahda ta' culpa akwiljana u ghalhekk tali eccezzjoni mhijiex applikabbli u ma tista' qatt tigi nvokata.

Ikkunsidrat:-

Mill-atti processwali jirrizulta li s-socjeta` appelanti odjerna kienet ipprezentat rikors quddiem l-ewwel Qorti datat 9 ta' Jannar 2009 sabiex (a) ikun hemm sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza; (b) jinghata lilha terminu sabiex skont id-disposizzjoni tal-Artikolu 728 (2) tal-Kap. 12 tipprezenta rikors sabiex tinghata l-opportunita` li hija tressaq eccezzjoni ulterjuri li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16.

L-istess rikors gie michud b'digriet datat 26 ta' Jannar 2009 u jirrizulta li sar appell minnu bir-rikors tal-appell pendenti quddiem din il-Qorti datat 15 ta' Lulju 2009 flimkien allura mal-appell fil-mertu u hawn qed issir riferenza ghall-pargrafu B a fol. 8 tar-rikors tal-appell imsemmi.

Permezz tal-istess rikors ta' appell is-socjeta` appellanti qed titlob li d-digriet tas-26 ta' Jannar 2009 moghti mill-Prim' Awla jigi revokat b'dan li hija tinghata l-oppurtunita` li tipprezenta l-eccezzjoni ulterjuri taghha ta' preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 quddiem din il-Qorti.

Jirrizulta li ma hemm ebda ostakolu legali sabiex issir dan l-appell mid-digriet imsemmi flimkien mal-appell fil-mertu. L-Artikolu 229 jittratta dwar il-kaz ta' appelli minn digrieti li jinghataw mill-ewwel Qorti fil-kors ta' kawza, <u>qabel</u> ma tinghatha d-decizjoni finali. Ma hemm xejn izda, li ma jistax issir appell minn digriet bhal dak mertu tal-appell odjern flimkien ma' appell mis-sentenza finali. Dan ifisser

li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12 ma humiex ta’ ebda ostakolu sabiex isir dan l-appell mill-istess digriet.

Illi dan japplika ghal kull talba li tista’ ssir abbazi tal-Artikolu 229 (4) tal-Kap. 12 sabiex fil-kaz tad-digrieti indikati fl-Artikolu 229 (2) u (3) tal-Kap. 12 ikun isir rikors sabiex il-Qorti tikkonsidra mill-gdid it-talba taghha. Dan ukoll isir fi stadju qabel id-decizjoni finali izda ma hemm ebda ostakolu sabiex minn tali digriet ikun hemm appell mas-sentenza fil-mertu.

Mela ma hemm ebda impediment legali sabiex tali talba ghar-revoka tad-digriet imsemmi ssir quddiem din il-Qorti, minkejja li s-socjeta` appellanti ma utilizzatx il-provedimenti tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12, ghaliex tali disposizzjonijiet huma fakoltattivi ghall-parti li tista’ ssegwi l-procedura indikata izda ma humiex tassattivi. Jekk parti ma tutilizzax l-istess ma jfissirx li jintilef id-dritt li minn digriet bhal dak odjern isir appell minnu flimkien ma’ appell minn sentenza fil-mertu quddiem din il-Qorti. Dak li fil-fatt gara f’dan il-kaz.

Illi dwar it-tieni punt sollevat mill-appellati, din hija materja li tigi diskussa biss fil-kors tal-konsiderazzjoni jekk tali preskrizzjoni li ghad trid titressaq hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami u allura huwa biss fis-sentenza eventwali li jista’ jigi ezaminat dan il-punt. Dan ifisser li anke din it-tieni oggezzjoni tal-appellata ma hija ta’ ebda ostakolu ghal din it-talba.

Fir-rikors ta’ appell taghha s-socjeta` appellanti qed tappella appuntu mid-digriet tas-26 ta’ Jannar 2009 li bih l-ewwel Qorti cahdet it-talba tas-socjeta` appellanti sabiex tinghatha zmien sabiex tipprezenta rikors halli tkun tista’ titlob il-permess tal-Qorti sabiex tipprezenta tali eccezzjoni ta’ preskrizzjoni. Hawn terga’ ssir riferenza ghall-paragrafu B f’pagna 8 tar-rikors tal-appell. Din il-Qorti ma tistax tipprovdi fuq it-talba maghmula bil-verbal tal-10 ta’ Lulju 2012 minghajr ma tinvesti din il-parti tal mertu tal-appell u ghalhekk hekk ser taghmel u ser taghti sentenza in parte f’dan ir-rigward.

Kull ma ghamel id-digriet imsemmi kien li cahad it-talba minghajr ma ta ragunijiet ghaliex ghamel dan. Izda meta l-Qorti tikkonsidra li skont l-Artikolu 2112 tal-Kap. 16 l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tista’ tinghata f’kull waqt tal-kawza, u dan ghaliex tali eccezzjoni hija ta’ natura perentorja (Artikolu 731 u 732 (2) tal-Kap. 12), isegwi li t-talba msemmija kellha tintlaqa’ anke f’dak l-istadju avvanzat tal-kawza; u se mai l-mod u meta tigi prezentata l-eccezzjoni jigu kkonsidrati fil-kap tal-ispejjez **(“Paul Balzan v. John. A. Scicluna nomine”** (A.C. 3 ta’ Dicembru 1999; **“Scerri v. Borg et”** A.I.C (PS) – 20 ta’ Ottubru 2003).

Dan ifisser li s-socjeta` appellanti ghandha ragun li tghid li dan id-digriet ghandu jigi revokat u din il-Qorti hekk qed taghmel, b’dan li qed taghti lis-socjeta` appellanti terminu ta’ ghaxart ijiem mil-lum sabiex tipprezenta n-nota ta’ eccezzjonijiet fis-sens li skont hi l-azzjoni tal-appellata hija preskritta skont l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 12.

Dak li inghad fir-risposta tal-appell dwar dan l-appell (f’pagna 7 sa 10 tal-istess) ibbazat fuq il-procedura skont l-Artikolu 229 (3) u (4) tal-Kap. 12 gia` gie kkunsidrat u skartat minn din il-Qorti.

L-istess jinghad dwar ir-ragunijiet l-ohra meta kkonsidrati biss fl-istess fond tat-talba jekk tali eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ghandhiex tithalla li tigi sottomessa mis-socjeta` appellanti quddiem din il-Qorti. Kwantu jekk tali eccezzjoni hijiex applikabbli jew le, dan jigi kkonsidrat fid-decizjoni tal-appell dwar il-mertu tal-eccezzjoni wara li tigi sollevata. B’hekk l-oggezzjonijiet tas-socjeta` appellata qed jigu respinti.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti qed tilqa’ in parte l-appell tas-socjeta` appellanti billi tirrevoka d-digriet tal-ewwel Qorti datat 26 ta’ Jannar 2009, u minflok tilqa’ t-talba tas-socjeta` appellanti u tawtorizzaha tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri fis-sens li l-azzjoni tal-appellata hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 12.

L-ispejjez riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------